MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tal-31 ta' Mejju, 2011

Appell Civili Numru. 266/2005/3

**Il-Kummissarju tat-Taxxi Nterni**

**vs**

**Alfred Caruana u b'digriet tal-25 ta' Settembru 2009 l-atti gew trasfuzi f'isem Gaston Caruana u Rachelle Caruana *stante* l-mewt ta' Alfred Caruana.**

**Il-Qorti,**

## <u>I. PRELIMINARI.</u>

Rat ir-rikors ta' ritrattazzjoni tal-Kummissarju tat-Taxxi Nterni datat 15 ta' Lulju 2009 a fol. 1 tal-process fejn espona:-

Illi permezz ta' dan ir-rikors l-esponent qieghed jitlob illi din l-Onorabbli Qorti joghgobha tordna t-thassir tas-sentenza taghha tal-10 ta' Jannar 2007 fl-ismijiet premessi u r-ritrattazzjoni tal-kawza fl-istadju tal-appell.

Illi l-prezenti talba ghal ritrattazzjoni hija bazata fuq il-paragrafi **(a), (e) u (k) tal-artikolu 811 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta).**

Illi *ai termini* tal-**artikolu 818 (1) (a),** talba ghar-ritratazzjoni ibbazata fuq l-**artikolu 811 (a) u (k)** tista' ssir fi zmien tliet xhur mindu ikun instab id-dokument jew ikun gie skopert il-qerq.

Illi l-**artikolu 811 (a), (e) u (k) tal-Kap. 12** jipprovdu s-segwenti:

*"811. Kawza deciza b'sentenza moghtija fi grad ta' appell jew mill-Qorti Civili, Prim'Awla, fil-gurisdizzjoni kostituzzjonali taghha, tista', fuq talba ta' wahda mill-partijiet li jkollha interess, tigi ritrattata, wara li qabel xejn tigi mhassra dik is-sentenza, ghal wahda minn dawn ir-ragunijiet li gejjn:*

*(a) jekk is-sentenza thun ittiehdet bil-qerq ta' wahda mill-partijiet bi hsara tal-ohra;*

*(e) jekk is-sentenza tkun applikat il-ligi hazin;*

*ghall-finijiet ta' dan il-paragrafu, jitqies li kien hemm applikazzjoni hazina tal-ligi, fil-kaz biss li d-deczjoni, meta l-fatt kien tassew kif stabbilit fis-sentenza attakkata, ma tkunx skont il-ligi, basta li l-kwistjoni ma tkunx dwar interpretazzjoni ta' ligi, li fuqha l-qorti tkun espressament tat decizjoni;*

*(k) jekk, wara s-sentenza, ikun instab dokument deciziv, u li l-parti li ggibu ma kinitx taf bih, inkella, illi, bil-mezzi li taghti l-ligi, ma setatx iggibu, qabel dik is-sentenza".*

Illi l-fatti li taw lok ghall-kawza huma s-segwenti:

Illi r-ritrattat Alfred Caruana baghat 'returns' lill-esponent ghas-snin ta' stima 1987,1988, 1989 u 1990 fejn accetta illi l-qliegh tieghu fl-istess snin, in kwistjoni kien jesponih

ghall-hlas tal-ammont globali ta’ taxxa fuq id-dhul mitlub f’din il-kawza (u cioe’ ekwivalenti f’ewro ta’ Lm 1,885).

Illi meta rcieva l-kontijiet relattivi tat-taxxa fl-1994 ir-ritrattat ma oggezzjonax ghalihom u dawn ghalhekk saru finali u konklussivi u kienu jeradikaw titolu ezekuttiv favur il-Kummissajru tat-Taxxi Nterni.

Illi fit-13 ta’ April 2005 id-Dipartiment tat-Taxxi Nterni baghat Ittra Ufficjali lir-ritrattat fejn talab il-hlas tas-somma dovuta liema ittra ufficjali nharget ghall-ezekuzzjoni ta’ titolu ezekuttiv *ai termini* tal-**artikolu 40 tal-Att dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa** li jghid hekk:

*“40. (1) Dan li gej jikkostitwixxi titolu ezekuttiv skont u ghall-finijiet tat-Titolu VII tat-Taqsima I tat-Tieni Ktieb tal-Kodici ta’ ‘Organizzazzjoni u Procedura Civili, jigifieri:*

***(a) l-avviz imsemmi fl-artikolu 73 (4) (c) tal-Att dwar it-Taxxa fuq l-Income;***

***(b) l-avviz imsemmi fl-artikolu 23 (7);***

***(c) l-istima finali u konkluziva msemmija fl-artikolu 38;***

***(d) l-avviz imsemmi fl-artikolu 42 (6);***

***(e) l-avviz imsemmi fl-artikolu 43 (6);***

***(f) l-avviz imsemmi fl-artikolu 46 (1)** u l-avviz ta’ stima u t-talba maghmula bil-miktub minn idejn il-Kummissarju msemmija fl-**artikolu 46 (3)**: Izda hlief fil-kazijiet imsemmiha fil-paragrafu (f), il-procedura stabbilita fl-**artikolu 44 (1) (b)** ghandha tigi mharsa fil-kazijiet kollha qabel ma jigi nfurzat il-hlas bis-sahha ta’ dak it-titolu”.*

L-**artikolu 44 (1) (b) tal-Kap. 372** jipprovdi s-segwenti:

*“44. (1) Jekk xi taxxa li ghandha tithallas fiz-zminijiet stabbiliti fis-**subartikoli (1)** jew **(2), fis-subartikolu (3) (a)** u **(b), fl-artikolu 42, fl-artikolu 43 (1), u fl-artikolu 45***

***jew fl-artikolu 9A (8) tal-Att dwar it-Taxxa fuq l-Income** ma tithallasx fil-perijodu rilevanti –*

*omissis*

*(b) il-Kummissarju ghandu jinnotifika nota ta' talba lill-persuna intaxxata, u jekk ma jsirx il-hlas fiz-zmien hmistax-il jum mid-data tan-notifika ta' dik in-nota ta' talba, il-Kummissarju jista' jipprocedi ghall-infurzar tal-hlas bis-sahha tat-titolu ezekuttiv imsemmi fl-**artikolu 40** wara jumejn min-notifika lid-debitur ta' intimazzjoni ghall-hlas maghmula permezz ta' att gudizzjarju, jew kif hawn 'il quddiem provdut".*

Wara li l-istess ittra ufficjali giet debitament notifikata, ir-ritrattat ghamel rikors fil-Qorti tal-Magistrati fit-3 ta' Mejju 2005 fejn talab lil dik il-Qorti biex *"tichad it-talba tal-Kummissarju tat-Taxxi Nterni riportata fl-ittra ufficjali datata 13 ta' April 2005"* peress illi huwa allega li kien hallas u 'inoltre' allega wkoll illi l-ammont reklamat kien preskritt fit-termini tal-**artikolu 47 (2) tal-Kap 372**.

L-**artikolu 47 (2) tal-Kap**. **372** jipprovdi illi:

*"(2) Salv kif xort'ohra espressament provdut fl-Atti dwar it-Taxxi u salvi b'mod partikolari d-disposizzjonijiet tal-**artikolu 30 (5) u tal-artikolu 31 (7)**, l-azzjoni ghall-hlas tat-taxxa, taxxa addizzjonali, imghax jew xi penali tista' tinbeda f'kull zmien mid-data minn meta jsiru dovuti u ghandhom jithallsu sa tmien snin minn dik id-data jew, meta tkun saret stima ghar-rigward taghhom, mid-data meta dik l-istima ssir finali u konkluziva.*

*(3) Iz-zmien imsemmi fis-**subartikolu (2)** jitwaqqaf b'talba ghal hlas notifikata permezz tal-posta registrata mill-Kummissarju jew b'att gudizzjarju prezentat mill-Kummissarju qabel ma jiskadi dak iz-zmien li fihom jintalab il-hlas tal-ammont dovut.*

*(4) Meta l-azzjoni msemmija fis-**subartikoli (2) u (3)** ma tkunx ittiehdet fiz-zmien hemm stipulat, u dak iz-zmien jiskadi fil-31 ta' Dicembru 2003 jew qabel dik id-data,*

*ghaldaqstant, minkejja d-disposizzjonijiet ta' dawk is-subartikoli, l-azzjoni ghall-hlas ta' dik it-taxxa, taxxa addizzjoniali, imghax jew penali tista' tittiehed sal-31 ta' Dicembru 2005".*

Illi permezz ta' sentenza tal-Qorti Civili tal-Magistrati tat-30 ta' Mejju 2006, it-talbiet tar-ritrattat gew michuda.

Illi permezz ta' sentenza tal-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) tal-10 ta' Jannar 2007 gie milqugh l-appell tar-ritrattat u b'hekk giet imhassra s-sentenza appellata tal-Qorti tal-Magistrati tat-30 ta' Mejju 2006.

Illi l-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) iddecidiet illi "*Konsegwentement tilqa' t-talba kif dedotta mill-appellanti fir-rikors promotur tieghu billi tiddikjara bhala preskritta t-talba tal-Kummissarju appellat fl-ittra ufficjali tieghu tat-13 ta' April 2005 ai termini tal-**artikolu 47 (2) tal-Kapitolu 372**. Stante in-novita` tal-kaz l-ispejjez gudizzjarji taz-zewg istanzi jibqghu bla taxxa bejn il-kontendenti".*

Illi l-esponent hass ruhu aggravat bl-imsemmija sentenza tal-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) tal-10 ta' Jannar 2007 u qieghed jitlob illi l-istess sentenza tigi mhassra u li l-kawza fl-istadju tal-appell tigi ritrattata kif fuq spjegat.

Illi l-motiv li ghalih qieghdha tintalab ir-ritrattazzjoni odjerna huwa s-segwenti:-

Fis-16 ta' April 2008 l-esponent gie a konoxxenza illi l-ittra ufficjali datata 29 ta' Novembru 1999 li kienet ipprezentata kontra Alfred Caruana fejn l-istess Caruana kien gie interpellat sabiex ihallas somom ta' taxxa ghas-snin ta' stima 1987 sa 1990 (Dok. "ACN 1") liema ittra giet notifikata lil Alfred Caruana fid-9 ta' Dicembru 1999. Ma jirrizultax lid-Dipartiment tat-Taxxi Nterni illi t-*taxpayer* kien fil-fatt ikontesta dina l-ittra ufficjali. L-esponenti jissottometti wkoll illi precedentement ghal din l-ittra ufficjali, kienet intbaghtet lit-*taxpayer* ittra ta' avviz ta' talba ghall-hlas (Dok. "ACN 2").

L-esponenti jirrileva illi jidher bic-car li Alfred Caruana ma setax jipprevalixxi ruhu mid-difiza tal-preskrizzjoni ghas-snin ta' stima fuq imsemmija u li huwa qarraq bl-esponent u bil-qorti meta eccepixxa l-preskrizzjoni billi sa 1999 kienu inhargu kemm l-istimi kif ukoll l-ittra ufficjali u dan dejjem fl-indirizz 'Amour d'Avril', Triq Alessandro Curmi, Tal-Virtu`, Rabat (Kopja tal-mailing list annessa u mmarkata bhala Dok. "ACN 3").

Illi sfortunatament l-esponenti ma kienx a konoxxenza ta' din l-informazzjoni u ta' dawn id-dokumenti minn qabel, *stante* li ma kienx possibli ghalih precedentement illi jaccedi ghar-*records* kollha tieghu li jikkostitwixxu massa tassew voluminuza ta' dokumenti.

Li kieku dan ma kienx il-kaz u li kieku l-kontroparti m'ghamilx il-manuvra sottili li ma ssemmi xejn dwar l-ittra ufficjali u dwar l-avviz precedenti notifikati lilu huwa car illi l-kawza li taghha qieghda tintalab ir-ritrattazzjoni kienet tigi deciza mod iehor u b'ezitu favorevoli ghall-esponent. L-esponenti jissottometti illi dawn id-dokumenti huma decizivi u dawn id-dokumenti huma relevanti wkoll ghall-prova tal-qerq bhala bazi ghar-ritrattazzjoni.

Dan apparti l-fatt illi sentenza deciza fic-cirkostanzi fuq deskritti hija affetta wkoll mid-difett tal-applikazzjoni hazina tal-ligi (u cioe` l-ligi dwar il-preskrizzjoni u d-dekadenza illi qatt ma setghet tigi applikata fic-cirkostanzi tal-kaz fejn kien hemm ittra ufficjali prezentata u notifikata) u hija wkoll soggetta illi tigi ritrattata abbazi tas-sejbien ta' dokument deciziv wara s-sentenza.

Ghaldaqstant l-esponent, filwaqt li ghamel referenza ghall-provi prodotti, jitlob bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti joghgobha tawtorizzah jesebixxi bhala prova d-dokumenti Dok. "ACN 1", Dok. "ACN 2" u Dok. "ACN 3" imsemmija, liema dokumenti qeghdin annessi ma dan ir-rikors kif ukoll jitlob bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti ghar-ragunijiet premessi u *ai termini* tal-**artikolu 811 (a), (e) u (k) tal-Kap. 12** thassar is-sentenza taghha tal-10 ta' Jannar 2007 u tordna li l-istess tigi ritrattata.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Philip Sciberras fit-3 ta' Ottubru 2008, peress illi din il-Qorti kienet diga' ppronunzjat ruhha fis-sentenza taghha tal-10 ta' Jannar 2007, il-Qorti rat l-**artikolu 734 tal-Kap 12** u astjeniet milli tiehu konjizzjoni ta' din il-kawza u tirrimetti lura l-process lir-Registratur tal-Qorti sabiex l-istess process jigi assenjat lil din il-Qorti kif diversament presjeduta.

Rat is-surroga datata 10 ta' Ottubru 2008 u rriappuntat dan l-appell ghas-smigh ghas-26 ta' Novembru 2008.

Rat ir-rikors ta' Gaston Caruana u Rachelle Caruana datata 23 ta' Settembru 2009 a fol 24 tal-process fejn talbu li l-atti jigu trasfuzi f'isem r-rikorrenti.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem din il-Qorti kif hekk presjeduta fejn fis-seduta tal-25 ta' Jannar 2011 meta ssejjah l-appell dehret Dr. Victoria Buttigieg. L-appellati u Dr. Edward Gatt imsejhin diversi drabi ma dehrux. Dr. Buttigieg trattat il-kaz. Il-kawza giet differita ghas-sentenza in difett ta' ostakoli ghall-31 ta' Mejju 2011

Rat ix-xhieda kollha hemm moghtija.

Rat l-atti kollha pprezentati mill-partijiet u d-digrieti relattivi.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi din hija kawza ta' ritrattazzzjoni fejn r-rikorrenti qed jallega li hemm bazi sabiex tigi ritrattata l-kawza fl-ismijiet premessi a bazi **tal-artikolu 811 (a), (e) u (k) tal-Kap. 12.**

Illi l-ewwel bazi ta’ ritrattazzjoni hija skond l-**artikolu 811 (a) tal-Kap. 12** u dan ghaliex qed jigi allegat li s-sentenza ttiehdet bil-qerq ta’ xi wahda mill-partijiet jew bi hsara ta’ ohra. Jidher li r-rikorrenti qed jibbaza dan fuq il-vantazzjoni fuq l-allegazzjoni li dwar dan il-kaz kienet intbaghet ittra ufficjali datata 29 ta’ Novembru 1999 li giet notifikata lill-ritrattat fid-9 ta’ Dicembru 1999 (Dok. “ACN 1”), avviz ta’ talba ta’ hlas datat 6 ta’ Lulju 1999 (Dok. “ACN 2”) u dan skond mailing list (Dok. “ACN 3”) u ghalhekk l-istess rikorrenti qed isostni li meta l-ritrattat qajjem il-punt ta’ preskrizzjoni huwa kien qed iqarraq bil-Qorti, u allura prevja li jigi awtorizzat li jesebixxi tali dokumenti, huwa qed isostni li dan jammonta ghall qerq da parte tar-ritrattat.

Illi fil-verita’ mill-atti processwali ma’ jirrizultax li gie prattikat l-qerq previst minn din id-disposizzjoni tal-ligi fejn skond is-sentenza fl-ismijiet **“Customs and Freight Agency Limited vs Alpha Farma Limited”** (P.A. (JA) – 25 ta’ Gunju 2010) mhux kwalunkew dolo jew ingann ta’ parti kontra l-ohra jista’ jaghti lok ghar-ritrattazzjoni fuq dan il-punt, izda irid jirrizulta li kien hemm raggieri u/jew atti frawdolenti tal-parti avversarja, b’dan li l-parti l-hra tkun giet imqieghda f’impossibilita’ ta’ difiza gusta u tajba u dan skond kif deciz fis-sentenza **“Bugeja nomine vs Kummissarju tal-Art”** (A.C. – 15 ta’ Jannar 2002) u dan gie hekk ritenut ghaliex ir-rimedju ta’ ritrattazzjoni huwa wiehed ta’ indoli straordinarji u ta’ interpretazzjoni strettissima, ghaliex altrimenti taht il-pretest ta’ ritrattazzjoni l-litigant sokkombent ikun jista’ jiftah il-kawza u b’hekk indirettament jinholoq tribunal tat-tielet istanza **(“Edward Cassar vs Francis Sammut”** – P.A. – 12 ta’ Frar 2002); **Vol. XXVII.i.818; Vol. XXVIII.i.584; Vol.XXII.i.385).**

Illi fil-fatt konformi ma’ dan fis-sentenza **“Michael Cutajar vs Roberta Muscat”** (A.I.C. (PS) – 12 ta’ Mejju 2003) inghad li l-qerq irid ikun tali li jkun prattikat mill-parti l-ohra u konsegwenza tieghu ir-ritrattand jkun gie pprivat mid-dritt li adegwatament jiddefendi ruhu fil-kawza, u *“ghalhekk kellhu jkun tali li qabel xejn ma setax jigi verifikat u kontrollat matul it-trattazzjoni taghha. Dan*

*ghaliex il-verifika kellha ssir fiz-zmien proprju tal-process u cjoe' meta jkunu qeghdin jingabru l-provi".* **("Cutajar vs Cachia"** – A.C. – 19 ta' Mejju 2000); **"Portelli vs Micallef"** – K. 16 ta'Novembru 1933).

Illi dan kollu jirrizulta mis-sentenzi **"Edgar Vella vs Joseph R. Grech"** (A.C. – 19 ta' Jannar 2001; **"Carmel Borg vs Henry Thake"** (A.C. – 14 ta' Novembru 1997; **"Edward Cassar vs Francis Sammut"** – P.A. – 12 ta' Frar 2004; **"Lawrence Borg nomine vs Philip Grima"** (P.A. (RCP) 28 ta' Frar 2010); u **"Customs and Freight Agency Limited vs Alpha Farma Limited"** – P.A. (JA) – 25 ta' Gunju 2010) fejn inghad li sabiex tirnexxi ir-ritrattazzjoni fuq din il-bazi jrid ikun hemm qerq gudizzjarju, fis-sens li tali qerq ikun inerenti mal-proceduri u li l-qerq ikun prattikat mill-parti l-ohra fil-kawza u fuq cirkostanzi li jirrizultaw minn tali qerq, u dan huwa ghal kollox nieqes bhala prova f'din il-kawza u dan peress li dak li effettivament jirrizulta mill-atti processeali li r-ritrattat prezenta rikors fejn inter alia sostna inter alia li l-ammont riklamat huwa preskritt a bazi tal-**artikolu 47 (2) tal-Kap. 372** u minkejja l-fatt li r-ritrattand odjern irrisponda li t-terminu hemm imsemmi ma japplikax minhabba dak li jipprovdi l-**artikolu 47 (4) tal-Kap. 372,** jirrizulta li l-istess ritrattand lanqas fix-xhieda ta' Ludgardo Mercieca datata 8 ta' Novembru 2005 u l-1 ta' Frar 2006, qatt ma rrefera ghall tali dokumenti llum msemmija f'dawn il-proceduri, u certament l-istes ritrattand ma kien bl-ebda mod impedut mir-ritrattat milli jipproduci f'dik il-kawza l-istess dokumenti llum esebiti, li din il-Qorti qed tippermetti l-prezentata taghhom f'dawn il-proceduri. Ghalhekk jirrizulta li kull ma gara kien nuqqas tar-ritrattand stess ghaliex ghalkemm huwa kellhu kull opportunita' u facilita' li jressaq dawn id-dokumenti quddiem din il-Qorti fil-kawza proprju hawn mertu ta' din il-procedura, haga li ma ghamilx, u dan in-nuqqas ma jistax jigi attribwiet b'xi mod lill-ritrattat **("Ersilia Calleja vs Franky Gambin"** – A.I.C. – 21 ta' Novembru 1997). Fil-fatt jekk parti ma gabitx il-prova mhux minhabba dolo tal-parti l-ohram izda minhabba negligenza taghha stess, ma' tkunx tista' wara li jkun hemm sentenza li ghaddiet in gudikat, tmur ghar-rimedju straordinarju ta' ritrattazzjoni bil-presenti pretest u

procedura **("Vincent Azzopardi vs Blye Engineering Co. Ltd."** – P.A. (PS) – 28 ta' Jannar 2004). Dan huwa msahhah minn dak li qalet l-Onorabbli Qorti tal-Appell fis-sentenza **"Taha Kuymizakis nomine vs Busietta Gardens Madliena Limited et"** (A.C. – 31 ta' Ottubru 2008, fejn wara li rreferiet ukoll ghall-hafna mis-sentenzi hawn citati jirrizulta li qablet ma dak li kienet l-Ewwel Qorti fl-istess kaz fis-sens li r-ritrattand ma jistax jippretendi li l-parti l-ohra taghmillu xogholu u dan meta kien jinkombi lilu li jipprova dak allegat. Fil-fatt fir-rikors promottur ghalkemm ir-ritrattand jallega qerq da parte tal-ritrattat, dan bl-ebda mod ma gie sostanzjat, u in verita' ma hemmx lok fuq x'hiex meta l-istess ritrattand isostni li ma kienx konoxxenti dak iz-zmien tad-dokumenti llum esebiti *"stante lima kienx possibbli ghalih precedentement li jaccedi ghar-records kollha tieghu li kienu jikkostitwixxi massa tassew voleminuza ta' dokumenti".* Din hija ammissjoni tan-nuqqas tar-ritrattand u mhux ta' qerq da parte tar-ritrattat. Ghalhekk dan il-punt ta' ritrattazzjoni qed jigi michud.

Illi t-tieni bazi ta' ritrattazzjoni hija dik abbazi tal-**artikolu 811 (e) tal-Kap. 12** u hawn r-ritrattand kull ma jghid huwa li kien hemm difett fl-applikazzjoni hazina tal-ligi, cjoe' dwar preskrizzjoni u d-dekadenza li qatt ma setghet tigi applikata fic-cirkostanzi tal-kaz fejn hemm ittra ufficjali prezentata u notifikata.

Illi dwar dan il-punt il-Qorti tirreferi ghall dak li nghad fis-sentenza moghtija llum fl-ismijiet **"Il-Kummissarju tat-Taxxi Interni vs Alfred Caruana et"** (A.I.C. (RCP) – 31 ta' Mejju 2011) u tapplika naturalment l-istess ghal kaz odjern bid-differenza biss li hawn jidher li r-ritrattand qed jibbaza din is-sottomissjoni tieghu fuq id-dokumenti llum esebiti f'dan il-process u allura ghall-ittra ufficjali tad-29 ta' Novembru 1999 u l-avviz datat 6 ta' Lulju 1999, meta tali sentenza llum mertu ta' dawn il-procedura qatt ma iddecidiet fuq dan id-dokumenti u dan ghas-semplici raguni li l-istess dokumenti ma kienux esebiti quddiem dik il-Qorti. Dan allura lanqas jammonta ghall zball ta' applikazzjoni ta' ligi skond id-disposizzjonijiet tal-**artikolu**

**811 (e) tal-Kap. 12** u ghalhekk anke din il-bazi ta' ritrattazzjoni qed tigi michuda.

Illi t-tielet bazi ta' ritrattazzjoni hija dik skond l-**artikol 811 (k) tal-Kap. 12** u dan ghaliex inghad li wara s-sentenza, instabu dokumenti deciziv u li l-parti ma kienitx taf bih, inkella, illi bil-mezzi li taghtih il-ligi, ma setghatx iggibu, qabel is-sentenza. Illi f'dan il-kaz jidher li ma kien hemm xejn x'izomm ir-rikorrenti milli jottjeni l-istess dokumenti anke waqt li kienet ghaddejja l-istess kawza, u filfatt ma gie spjegat bl-ebda mod ghaliex dawn id-dokumenti, li issa r-rikorrenti qed jghid li huma tant importanti u vitali ghas-soluzzjoni tal-pendenza, huwa ma prezentahomx qabel, u dan iktar u iktar meta ma jidhirx li l-istess rikorrenti kellhu xi impediment sabiex jottjeni l-istess. Dwar dan fil-fatt ir-rikorrenti ma qal xejn u din hija vitali ghat-tezi tieghu (**"Customs and Freight Agency Limited vs Alpha Farma Limited"** – P.A. (JA) – 25 ta' Gunju 2010; **"Tal Franciz Construction Limited et vs Angelo Zarb"** – A.C (PS) – 7 ta' Lulju 2010); **"Lawrence Borg nomine vs Philip Grima"** (P.A. (RCP) 28 ta' Frar 2010) u dan ghaliex irid jirrizulta li d-dokumenti ma gewx prodotti minhabba li kien impossibbli ghall-istess ritrattand milli jottjeni l-istess u mhux allura derivanti minn xi nuqqas tieghu qua sokkombenti; f'dan il-kaz ricerka elementari fid-Dipartiment koncernat setghet taccerta ruhha mill-ezistenza ta' dawk id-dokumenti, u f'dan il-kaz jidher car li r-rikorrenti ma uzax il-hila tieghu, jew almenu agixxa bhala *bonus paterfamilias* biex issir jaf bih, iktar u iktar meta tali file kien disponibbli ghalih u fil-pussess tieghu; dan in-nuqqas tieghu iwassal sabiex tippregudika din il-bazi ta' ritrattazzjoni **("Giuseppe Darmanin nomine et vs Virginia Cordina et"** (A.C. – 11 ta' Mejju 1936; **"Angelo Sciberras vs Bernardette Sciberras"** P.A. – 14 ta' Jannar 1936; **"Pio Vassallo vs Emmanuele Chetcuti et"** A. C. – 28 ta' Frar 1997; **Anthony Agius Gilbert et vs Peter Cassar Torreggiani"** – A.I.C – 6 ta' Ottubru 2004).

Illi fil-fatt fis-sentenza **"Tal Franciz Construction Limited et vs Angelo Zarb"** ( A.I.C. (PS) – 7 ta' Lulju 2010) inghad li *"tenut kont ta' l-enfasi li n-norma tal-ligi taghmel*

*bl-espressjoni* *<u>“ikun instab</u>”, u tenut ukoll qies illi, kif diga espost, l-injoranza precedenti ta’ l-ezistenza tad-dokument mhix raguni sufficjenti ghal fini ta’ ritrattazzjoni jekk tkun il-konsegwenza ta’ kolpa jew ta’ negligenza, fil-kaz in ispecje din l-istess negligenza tidher aktar accentwata ghaliex jidher pjottost apparenti lir-ritrattand jaghmel ir-ricerka posterjorment ghad-decizjoni moghtija, aktar milli ghal raguni ta’ vera difiza ...”.* F’dan il-kaz ma hemm l-ebda raguni ghaliex ir-rikorrenti ma ghamilx tali ricerka qabel, ricerka li kellha ssir waqt il-kawza u mhux wara u tali inertia jigi ekwiparat ghall akkwiexxenza **(“Carolina Zammit vs Salvatore Cini”** (A.C. – 2 ta’ Marzu 1925; **“Carmelo Ellul vs Antonio Pace”** (A.C. 1971). Illi ghalhekk jirrizulta li t-talba ghar-ritrattazzjoni hija kollha kemm hija infondata fil-fatt u fid-dritt.

## <u>III. KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta’ u tiddeciedi,** billi **tichad it-talba tar-ritrattand il-Kummissarju tat-Taxxi Nterni fir-rikors tieghu datat 15 ta’ Lulju 2008** ghaliex hija nfondata fil-fatt u fid-dritt ghar-ragunijiet hawn decizi.

Bl-ispejjez kontra r-ritrattand il-Kummissarji tat-Taxxi Interni.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------